# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 117**

**Citaz. Nru. 2705/99GV**

Doc. 111-01

**Joint Stock Company Joint Stock Bank "Imperial", socjeta' Russa hawn rapprezentata minn Luisa Rufigno**

**vs**

**Consolidated Imperial Maritime Limited kif rapprezentata mis-socjeta' Melita Nominee Services Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija l-unika propjetarja tal-bastiment "Vityaz" registrat Malta bin-numru ufficjali 4821;

Premess illi s-socjeta' attrici b'kuntratt ta' self numru 5-074-100 tas-26 ta' Dicembru, 1995 silfet lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' seba' miljuni mitejn u hamsin elf Dollaru tal-Istati Uniti tal-Amerika (US$7,250,000) bil-patt illi l-istess self kellu jithallas lura sas-26 ta' Marzu, 1996 bl-imghax tat-8% fis-sena u pattijiet ohra imsemmija fl-istess skrittura ta' self;

Premess ukoll illi fil-21 ta' Frar, 1999 is-socjeta' attrici reghget silfet brevi manu lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' erba' mija u ghaxart elef Dollaru tal-Istati Uniti tal-Amerika (US$410,000);

Premess illi s-socjeta' konvenuta ma hallset xejn lura mill-ammonti fuq imsemmija u imghax pattwit dovuti minnha lis-socjeta' attrici u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha kreditu kontra s-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' US$7,660,000 oltre l-imghax fuq imsemmi;

Premess illi sa fejn taf is-socjeta' attrici l-unika propjeta' li s-socjeta' konvenuta ghandha huwa l-bastiment fuq imsemmi u ghaldaqstant il-bastiment huwa l-uniku propjeta' li tista' taghmel tajjeb biex jigi mhallas il-kreditu tal-attur nomine;

Premess illi jekk il-bastiment fuq imsemmi ma jibqax aktar propjeta' tas-socjeta' konvenuta jew jekk jigu kostitwiti aktar *mortgages* fuq il-bastiment id-drittijiet tas-socjeta' attrici jigu eluzi u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha interess illi, biex jigu kkawtelati d-drittijiet taghha, l-imsemmi bastiment ma jigix trasferit lil terzi u ma johorgux mill-patrimonju tas-socjeta' konvenuta u li ma jigux kostitwiti u registrati aktar *mortgages* fuq l-istess bastiment;

Premess illi a tenur tal-artikolu 37 tal-Att Numru X1 tal-1973 tal-Ligijiet ta' Malta (Kap. 234) din il-Qorti tista' fuq talba tas-socjeta' attrici *essendo* parti interessata u in kawtela tad-drittijiet taghha, tordna li jigi projbit kull negozju dwar il-bastiment jew xi sehem fih kif ukoll li jigi pprojbit il-kostituzzjoni ta' *mortgages* fuq l-istess bastiment;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju dwar il-bastiment "Vityaz" u kull sehem fih u li ma jsir ebda trasferiment tal-istess bastiment u kull sehem fih u li ma jigux kostitwiti u registrati aktar *mortgages* fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u dan ghal zmien sakemm jithallas il-kreditu tal-attur nomine kif iffissat minn din il-Qorti u taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa u dan a tenur u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li kull ordni maghmul minn din il-Qorti jigi notifikat lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 15 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament jrid jigi ppruvat konklussivament li s-somma allegatament mislufa bil-kuntratt tas-26 ta' Dicembru, 1996 ghaddiet lill-kumpanija konvenuta stante li fil-kotba tal-kumpanija f'Malta m'hemm l-ebda "*records*" li juri li qatt giet ikkreditata b'din is-somma;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit irid jigi ppruvat konklussivament ukoll li sar it-tieni self ta' erba mitt elf dollaro Amerikan (US$400,000) lill-kumpanija konvenuta;

3. Illi jidher ukoll li l-kumpanija konvenuta hija kreditrici tal-kumpanija attrici versu s-somma ta' erba' miljun disa' mija u disgha u disghin elf u hames mitt dollaru Amerikan (US$4,999.500) liema kreditu gie rikonoxxut mill-kuratur tal-kumpanija attrici (Dokument A);

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tordna li ma jsir ebda negozju dwar il-bastiment "Vitjaz" u kull sehem fih u li ma jsir ebda trasferiment ta' l-istess bastiment u kull sehem fih u li ma jigux kostitwiti u registrati aktar *mortgages* fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u dan ghal zmien sakemm jithallas il-kreditu ta' l-attur nomine kif iffissat minn din il-Qorti u taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa u dan a tenur ta' l-artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta; tordna li kull ordni maghmul minn din il-Qorti jigi notifikat lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin a tenur ta' l-istess artikolu 37 tal-Kap 234.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li preliminarjament irid jigi ppruvat konklussivament li s-somma allegatament mislufa bil-kuntratt tas- 26 ta' Dicembru, 1996 ghaddiet lill-kumpanija konvenuta stante li fil-kotba tal-kumpanija f'Malta m'hemm l-ebda *records* li juru li qatt giet kkreditata b'din is-somma. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit irid jigi pruvat konklussivament li sar it-tieni self ta' US$400,000 lill-kumpanija konvenuta; li jidher ukoll li l-kumpanija konvenuta hija kreditrici tal-kumpanija attrici fis-somma ta' US$4,999,500 liema kreditu gie rikonoxxut mill-kuratur tal-kumpanija attrici Dok A.

**KONSIDERAZZJONI**

Dwar l-ahhar eccezzjoni taghhom, l-konvenuti stess fir-rikors taghhom (ara fol. 40) iddikjaraw li l-kuratur V. V. Medvedev ma kellux aktar poteri ghalhekk id-dok. A fol. 18 li pprezentaw m'ghandu ebda valur. Dan apparti li l-atturi qed jikkontestaw li huma ghandhom jaghtu lill-konvenuti (ara fol. 25).

L-ewwel zewg eccezzjonijiet jistghu jittiehdu flimkien.

Kull ma jridu jippruvaw l-atturi huwa li huma ghandhom prima facie kaz biex jikkawtelaw il-kreditu minnhom pretiz. Din mhiex il-kawza fuq il-mertu.

Mid-dokumenti ezibiti jirrizulta abbundantament li l-atturi kienu silfu lill-konvenuti zewg somom, wahda ta' US$7,250,000 u ohra ta' US$410,000 u li dawn l-ammonti ghadhom dovuti oltre l-interessi u spejjez ohra. Il-Qorti tista' taghmel riferenza ghad-dokumenti ezibiti u cioe' dawk a fol. 74,83,86 Dok. AK1 u dawk a fol. 56, 57, 60, 61 u 81 fejn hemm li *statement* tal-*claim* taghhom.

Il-konvenuti pprezentaw dokumenti biex juru li l-atturi ma kienux komplew bl-*arbitration* barra minn Malta billi ma hallsux il-*fees*. Izda jirrizulta li l-atturi ghalkemm ma hallsux il-*fees*, kienu intitolati li jergghu jirrintroducu t-talba taghhom ghal darba ohra ghal *arbitration*, kif fil fatt ghamlu. Il-mertu tat-talba taghhom ghadu pendenti.

Kwantu ghal prokura fil-konfront ta' Dr. Tufigno, jirrizulta li dan assuma r-rapprezentanza tas-socjeta' attrici a fol. 156. Hu pprezenta dokumenti (Dok AK2 fol. 89 u dok a fol. 57) biex juri li hu kien awtorizzat u ghad ghandu l-awtorizzazzjoni minghand is-socjeta' attrici biex jagixxi ghan nom taghhom.

Illi ghalhekk mill provi prodotti l-Qorti tikkonkludi li l-atturi ppruvaw li ghandhom dritt jikkawtelaw il-pretenzjoni taghhom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tordna li ma jsir ebda negozju dwar il-bastiment "Vitjaz" u kull sehem fih u li ma jsir ebda trasferiment ta' l-istess bastiment u kull sehem fih

u li ma jigux kostitwiti u registrati aktar *mortgages* fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u dan ghaz-zmien sakemm jithallas il-kreditu ta' l-attur nomine a tenur ta' l-artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

tordna li din l-ordni tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin a tenur ta' l-istess artikolu 37 tal-Kap 234.

Spejjez ghal konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**